**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 461/2015*

**Il- Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**-vs-**

**Badr Abou Snaima, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 550414L**

Illum, 23 ta' Settembru, 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Badr Abou Snaima u ċioè talli:

> Nhar it-30 ta' Mejju, 2015, għall-ħabta tad-disgħa neqsin kwart ta' filgħaxija ġewwa Triq ix-Xatt, il-Gżira preċiżament faċċata tal-lukanda bl-isem Water Front:

1. Bil-ħsieb li joqtol lil Kartal Samil Turkdogan jew li jqiegħdlu ħajtu f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni billi ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta tiegħu.

2. Ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna tal-istess Kartal Samil Turkdogan li ġew magħmula b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggeż, hekk kif ġie ċċertifikat minn Dr. Maria Grech MD Reg: 338 ġewwa d-dipartiment tal-emerġenza tal-Isptar Mater Dei.

3. Filwaqt li kien qed jagħmel reat kontra l-persuna (minbarra omiċidju involontarju jew offiża involontarja fuq il-persuna), jew ta' serq jew ħsara fil-propjeta' (minbarra ħsara involontarja fil-propjeta') kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti.

4. Ġarr il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellhom liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

5. Volontarjament, kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b' għajjat u ġlied.

Il-Qorti ġiet wkoll ġentilment mitluba illi f'każ ta' ħtija, tikkundanna lil akkużat iħallas l-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri, inkluż dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni skont l-Artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-udjenza tat-2 ta' Lulju, 2019, l-imputat ammetta t-tieni imputazzjoni u cioe` dik ta' offizi gravi ai termini tal-artikoli 216 u 217 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll kif ukoll it-tielet, ir-raba w il-hames imputazzjoni.

Semghet il-prosekuzzjoni tiddikjara li l-*corpus delicti* baqa' ma nstabitx u kwindi il-qissien ta' dan l-instrument ma jirrizultax mill-atti.

Semghet il-partijiet jaqblu li l-griehi gravi mgarrba mill-parte leza jinkwadraw rwiehom fir-reat ravvizat bl-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali.

Semghet il-prosekuzzjoni taqbel mad-difiza dwar il-fatt li t-tielet u r-raba imputazzjonijiet servew ta' mezz biex issir ir-reat imputat lill-akkuzat fit-tieni akkuza.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif inghad, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq

il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Inizjalment l-imputat kien qieghed jigi akkuzat bir-reat tat-tentattiv tal-omicidju, madanakollu fin-nota tar-rinviju tieghu ghal-gudizzju, l-Avukat Generali jindika illi mill-provi mismugha f'dina il-kawza tista' tinstab htija dwar offizi gravi fuq il-persuna.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif inghad u cioe` ammetta ghat-tielet, ghar-raba w ghall-hames imputazzjoni kif ukoll ghat-tieni imputazzjoni in kwantu l-offizi gravi perpetrati kontra l-vittma jinkwadraw fir-reat ravvizat bl-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali. Ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imsemmija akkuzi kif minnu ammessi.

Gie kkunsidrat li l-arma baqghet ma nstabietx u ghalhekk qatt ma tista tinstab htija fuq l-artikolu 7 tal-Att dwar l-Armi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura serja tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, tal-ammissjoni tieghu li ma kienitx wahda bikrija, tal-fatt li dawn l-akkuzi jirrisalu ghal 2015, u tal-fedina penali xejn inkwetanti tieghu. Ittiehed konsiderazzjoni wkoll tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz partikolarment tar-rapport studjat u metikoluz maghmul mill-Ufficjal tal-Probation.[1]
Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 7, 8, 9, 11, 12, 13, 14, 15, 16, 17, 19, 20, 31, 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(b)(c)(d),(2), 217[2] u 338(dd),

[1] **Dok. OVB** a fol. 397

[2] Qabel l-emendi introdotti bl-***Att XIII tal-2018***, il-piena taht din id-dispozizzjoni kienet dik ta' bejn hames xhur u erba snin prigunerija.

tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, u tal-artikoli 6, 51(7)(9), 55(a), 58 u 61 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni, issib lill-imputat hati tal-akkuzi l-ohra kollha[3] u tikkundannah ghal sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal erba snin millum.

L-imputat qed jigi kkundannat ukoll ghall-hlas ta' *multa* ta' €116.47.

A tenur tal-artikolu 412D Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett snin sabiex jinghata l-ghajnuna psikologika mehtiega.

Inolte` wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil hati jhallas lir-Registratur ta' din il-Qorti l-ammont ta' **(€1,443.37c)** rapprezentanti spejjez peritali.

Il-Qorti giet prekluza milli tapplika l-provvediment tal-artikolu 32 tal-Kodici Kriminali u tal-artikolu 56 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, galadarba l-arma baqghet ma gietx esebita f'dawn l-atti.

A tenur tal-artikolu 57 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, tipprojbixxi lill-imputat milli jkollu xi liċenza taħt dak l-Att għal żmien hames snin.

Finalment ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza jew jekk ma jsegwix l-ordni ta' trattament.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[3] In kwantu ghall-imputazzjoni ta' offizi gravi fuq il-persuna, l-offizi perpetrati kontra l-vittma jinkwadraw fir-reat ravvizat bl-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali.